MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2018

Rikors Maħluf Numru 435/2017 LM

**Alfred Zammit (ID 957144M)**

***vs.***

**Anthony Grima (ID 63770M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-18 ta' Mejju, 2017 mill-attur **Alfred Zammit** (ID 957144M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) meta l-attur kien miexi fuq il-bankina fi Triq Ħal Qormi, Luqa, l-attur safa ferut serjament meta intlaqat minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCB791, ossia vettura proprjetà tal-konvenut u misjuqa mill-konvenut stess (rapport anness u immarkat bħala Dok. AZ1);*

2. *Illi l-inċident de quo fil-fatt seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja, jew nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-imsemmi konvenut Anthony Grima;*

3. *Illi b'konsegwenza diretta ta' dan l-inċident, l-attur sofra ġrieħi gravi li wasslu għal debilità permanenti, u konsegwentement sofra danni konsistenti f'danni attwali (damnum emergens) kif ukoll futuri (lucrum cessans) li għalihom jaħti u jirrispondi l-konvenut, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

4. *Illi minkejja li ġie interpellat diversi drabi, inkluż iżda mhux biss, permezz ta' ittra uffiċjali (hawn annessa u mmarkata Dok. AZ2) sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, sija personalment kif ukoll tramite l-assikurazzjoni tiegħu, il-konvenut baqa' inadempjenti;*

5. *Illi l-attur jikkonferma li jaf b'dawn il-fatti personalment.*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu fuq premess, l-attur bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportuni:*

1. *Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fi Triq Ħal Qormi, Luqa, hawn fuq imsemmi u għad-danni konsegwenzjali kollha attwali u futuri li ġarrab l-attur bħala riżultat ta' dan l-inċident;*

2. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma rappreżentanti d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż u interessi legali kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1741/2016 u dawk tal-ittra uffiċjali li qed tiġi ppreżentata kontestwalment, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut, **Anthony Grima** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Ġunju, 2017, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju, elfejn u sbatax (2015) (sic!) hija ammessa iżda ma sarx ftehim dwar il-quantum dovut;*
2. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;*
3. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' April, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-azzjoni odjerna hija azzjoni għad-danni li ssegwi inċident tat-traffiku li fih l-attur safa mtajjar waqt li kien miexi fuq bankina fi Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, minn vettura li kienet misjuqa mill-konvenut. It-talbiet atturi huma għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità għall-akkadut da parti tal-konvenut, għal-likwidazzjoni għad-danni u għal kundanna għall-ħlas tad-danni sofferti. Il-konvenut filwaqt li rreġistra ammissjoni fir-rigward tar-responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni, eċċepixxa li bejn il-partijiet ma kienx hemm qbil dwar il-*quantum* tad-danni dovuti.

**Provi u riżultanzi**

L-attur ippreżenta kopja tar-rapport tal-Pulizija rigward l-inċident[1] flimkien mar-Rikors Maħluf, minn fejn tirriżulta l-istqarrija li għamel il-konvenut ftit tal-ħin wara l-inċident, meta qal li waqt li kien qed jipproċedi fi Triq Qormi, Ħal Luqa, fid-direzzjoni lejn Raħal Ġdid, mingħajr ma jaf kif qabad il-bankina u laqat lir-raġel li kien miexi fuqha. L-attur min-naħa tiegħu kien stqarr mal-Pulizija li hu kien miexi fuq il-bankina għall-affari tiegħu meta f'daqqa waħda qala' daqqa ta' karozza li telgħet fuq il-bankina. L-inċident seħħ filgħodu, u mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta wkoll li dak il-ħin it-triq kienet niexfa. Il-Pulizija nnutat li kien hemm marki tat-*tyres* ta' vettura fuq il-bankina fejn intlaqat ir-raġel. L-attur ittieħed l-Isptar permezz ta' ambulanza u ċ-ċertifikazzjoni medika kienet li ma kienx jinsab fil-periklu tal-mewt kawża tal-inċident.

L-attur għażel li jixhed bil-mezz tal-*affidavit*[2] fejn ikkonferma li hu pensjonant u li l-uniku dħul tiegħu huwa mill-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali. L-attur qal li hu ttajjar waqt li kien qiegħed jagħmel il-mixja ta' kuljum tiegħu minn Ħal Luqa sa Birżebbugia, mixja li ilu jagħmel kuljum għal madwar tnax-il sena. L-attur iddeskriva x'ġara dakinhar tal-inċident, meta waqt li kien għaddej minn quddiem l-ajruport l-antik, hu ħass daqqa kbira minn wara u waqa' mal-art. Mad-daqqa sab ruħu bilqiegħda, għalkemm il-vettura li laqtitu baqgħet sejra. Mad-daqqa, l-attur intlaqat fil-parti tal-lemin ta' ġenbu, filwaqt li rota tal-karozza għaddiet minn fuq il-qasba ta' saqajh, bir-riżultat li l-qasba ta' siequ l-leminija nqasmet fi tnejn u ħarġet barra mill-ġilda. Ix-xhud ikkonferma li l-

[1] *A fol.* 5 et seq tal-proċess.
[2] *A fol.* 22 et seq tal-proċess.

bankina li kien għaddej minn fuqha hija waħda għolja u wera l-fehma li biex il-konvenut qabad il-bankina, bilfors li kien qiegħed isuq b'ċerta veloċità.

L-attur ikkonferma li dakinhar stess tal-inċident sarlu intervent kirurġiku f'saqajh, u li wara l-operazzjoni għamel żmien ma jistax jimxi u kellu juża *wheelchair.* Huwa qal li għal diversi xhur ħtieġlu jattendi l-isptar darba fil-ġimgħa u li biex imur l-isptar kien juża *taxi* filwaqt li ħtieġlu jmur fl-Isptar San Vinċenz de Paule għall-fiżjoterapija. F'Diċembru tas-sena 2016, l-attur beda jiġi segwit mill-Professur Thomas Azzopardi li kien qallu li l-uġigħ f'saqajh ser jibqa' jħossu u ċċertifika li l-attur kien qiegħed ibati minn debilità permanenti ta' 16%. L-attur qal li diversi aspetti tal-ħajja tiegħu ġew affettwati negattivament u sab ruħu limitat minn diversi attivitajiet li kien imdorri jagħmel l-aktar minħabba li ma jistax jibqa' bilwieqfa fit-tul, ibati ħafna biex jinżel it-taraġ u l-mobilità tiegħu m'għadhiex li kienet lanqas. Konsegwenza tal-inċident u minħabba li dam żmien twil juża l-*wheelchair,* l-attur kellu jibdel il-kamra tal-banju minħabba li ma setax jinħasel sew. L-attur xehed li hu kien jagħmel ħafna xogħol fid-dar minħabba li l-mara tiegħu għandha problemi f'għajnejha, u li minħabba fl-inċident hu ma setax jibqa' jagħmel dak ix-xogħol bil-konsegwenza li hu u l-mara inkorrew fi spejjeż żejda sabiex iġibu lil xi ħadd jgħinhom.

L-attur esebixxa kopja tar-rapport redatt mill-konsulent mediku **Mr Thomas Azzopardi**[3], fejn spjega dettaljatament il-fatti li ċċirkondaw l-inċident odjern. Fir-rapport mediku ġie kkonstatat li l-attur kien pensjonant però kellu impjieg *part-time* imexxi *shooting club.* Ir-rapport isemmi b'liema mod ġiet affettwata l-ħajja tal-attur konsegwenza tal-inċident odjern, fost l-oħrajn billi kellu

[3] *A fol.* 32 tal-proċess.

jwaqqaf l-impjieg *part-time,* waqaf mid-delizzju tat-trobbija tal-fniek u t-tjur, waqaf milli jgħin lill-mara fix-xogħol tad-dar bil-konsegwenza li din qed ikollha tħallas għall-għajnuna li għandha bżonn, waqaf milli jwassal membri tal-familja fejn ikollhom bżonn, filwaqt li anki kellu jwaqqaf ċerti attivitajiet soċjali li kien jagħmel. L-attur kellu diffikultajiet saħansitra biex iżur lil ommu ta' 96 sena. Il-konsulent Azzopardi kkonkluda r-rapport tiegħu b'dan il-mod:

> *"As a result of the accident Mr Alfred Zammit experienced physical pain and emotional upset. He underwent a lengthy rehabilitation but still complained of significant residual symptoms requiring him to walk with crutches. He has developed post-immobilization osteopenia and post traumatic degenerative changes in the ankle joint. In the long term he will be left with significant stiffness and limitation of function in his right ankle and foot.*
>
> *Taking into account the nature of the injuries sustained, I should conclude that no further improvement should be expected regarding the right leg and ankle injuries. In my opinion he has sustained a permanent disability of 16%."*

L-attur ippreżenta wkoll kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali)[4], li permezz tagħha il-konvenut odjern Anthony Grima nstab ħati li ma kellux kontroll sħiħ tal-vettura u/jew tal-*isteering wheel,* u li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, tela' fuq bankina u tajjar lil Alfred Zammit u involontarjament ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Zammit. Madanakollu l-konvenut ma nstabx ħati li kien qiegħed isuq b'mod perikoluż jew traskurat.

Fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru, 2017, il-Qorti ħatret lil Mr Fredrick Zammit Maempel bħala espert mediku fil-kawża sabiex jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident fir-rigward ta' saħħet l-attur.

---

[4] *A fol.* 59 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed **Mr Thomas Azzopardi**[5] li kkonferma r-rapport esebit in atti u spjega li d-dannu li sofra l-attur huwa wieħed li ser jibqa' jsofri minnu fit-tul:

> "Is-Sinjur baqa' sintomatiku u mill-eżami li għamiltlu jiena, il-feriti kienu fiequ pero kien baqa' l-iscars tal-pin tracks u tal-operazzjoni li għamlulu wara biex jagħmel in-nail. Kien għad hemm in-nefħa, kellu ħafna tenderness u stiffness. Nuqqas ta' moviment fil-ġogi tal-għaksa u tas-sieq. Is-Sinjur ma setax jimxi sew, kien izappap u kien limitat ħafna. … Per konsegwenza, minkejja li kien għamel rehabilitation u huwa każ sintomatiku minħabba dawn il-konsegwenzi tal-injury, baqa' jsofri diżabilità sinifikanti li jiena stmajt f'dan ir-rapport ta' sittax fil-mija."

Il-espert mediku maħtur mill-Qorti **Mr Frederick Zammit Maempel** esebixxa r-rapport tiegħu[6] wara li eżamina lill-attur, u dan ikkonkluda r-rapport tiegħu hekk:

> "Jiena eżaminajt lis-Sur Zammit 32 xahar wara l-inċident. Huwa ġarrab ksur miftuħ *(compound fracture*) u komminwit, 'il fuq mill-għaksa tal-lemin li kien trattat b'ħadid minn barra u issa jinstab magħqud f'pożizzjoni tajba. L-għaksa però ma kisbitx il-moviment normali tagħha, u l-muskoli tal-pexxul kemmxejn mixrubin huma xhieda li l-funzjoni ta' dan ir-riġel ma rkuprax għal kollox. L-MRI magħmul disa' xhur wara l-inċident jikkonferma sinjali ta' bidu ta' *artrite* f'dan il-ġog. B'konklużjoni, is-Sur Alfred Zammit sofra diżabilità permanenti stmata ta' 8% bħala riżultat tal-inċident ta' Mejju 2015."

## Konsiderazzjonijiet legali

Il-Qorti tibda billi tosserva li fir-Risposta Maħlufa tiegħu, il-konvenut ammetta li huwa unikament responsabbli għall-inċident li fih weġġa' l-attur. B'riżultat ta' dan l-inċident, l-attur sofra danni materjali immedjati kif ukoll danni minħabba telf ta' qligħ futur u spejjeż li ma kienx ikollu għalfejn jinkorri li

[5] *A fol.* 73 tal-proċess.
[6] *A fol.* 87 tal-proċess.

kieku ma kellux dan l-inċident. Lil din il-Qorti jirriżultalha, minn dak li semgħet kif ukoll in vista tal-ammissjoni tal-attur, illi l-attur kien qiegħed isuq b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' ħila meta waqt li kien għaddej fi triq pjuttost dritta, f'kundizzjonijiet tat-temp li ma kkawżaw l-ebda ostaklu għas-sewwieq, u matul il-ġurnata, u baqa' tiela' fuq il-bankina u bil-vettura tiegħu laqat lill-attur.

Jifdal għalhekk li l-Qorti tillikwida d-danni kif mitlub mill-attur. Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili, b'sistema li tieħu inkonsiderazzjoni l-fattispeċi kollha tal-każ. Skont il-liġi tagħna, il-likwidazzjoni tad-danni tinqasam fi tnejn: id-danni attwali *(damnum emergens)* u t-telf ta' qligħ futur *(lucrum cessans).*

***Damnum Emergens*** – Dawn huma d-danni li attwalment u effettivament sofra l-attur b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, kif evidenzjat mid-diversi rċevuti li ġew esebiti fl-atti ta' din il-kawża, u li faċli jiġu stabbiliti. Hekk id-dokumenti AZ6-AZ11[7] huma rċevuti maħruġa mill-*Physically Handicapped Rehabilitation Fund* rigward il-kera ta' *wheelchair* li kellu bżonn l-attur, ammontanti għal **€190**. Id-dokumenti AZ12-AZ41[8] huma rċevuti tat-*taxis* minn Ħal Luqa sal-Isptar Mater Dei, u dan minħabba li sabiex imur għall-viżti tiegħu fl-isptar, l-attur kellu jikri *taxi* kull darba minħabba li ma setax isuq. It-total ta' dawn l-irċevuti jammonta għal **€348**. Id-dokumenti AZ46-AZ49[9] huma rċevuti b'rabta mal-bdil tal-kamra tal-banju tal-attur, spiża li laħħqet l-**€2,369.51**, u dan wara li kif xehed l-attur stess hu kellu jbiddel il-kamra tal-banju biex ikun jista' jinħasel u jinstalla *shower* u madum ġdid minħabba li ma setax jinħasel

[7] *A fol.* 31a tal-proċess.
[8] Ukoll *a fol.* 31a tal-proċess.
[9] *A fol.* 37 tal-proċess.

fil-kamra tal-banju li kellu qabel. Id-dokument AZ50 huwa rċevuta għall-viżta għand Dr Paul Farrugia (**€5**), id-dokument AZ51 huwa rċevuta għall-kisba tal-*blue badge* (**€11.50**), id-dokument AZ52 u AZ53 huma rċevuti għax-xiri ta' mediċini minn Saint Andrew's Pharmacy, Luqa, ammontanti għal **€24.39** u **€5.10**, id-dokument AZ54 huwa irċevuta tal-Isptar Saint James (**€6**), u d-dokumenti AZ44 u AZ45 huma rċevuti tal-konsulti għand Mr Thomas Azzopardi ammontanti għal **€250** u **€50**.[10] It-total ta' danni materjali sofferti mill-attur kawża ta' dan l-inċident hu ta' **<u>€3,259.50</u>**.

***Lucrum Cessans:*** F'każijiet fejn il-Qorti trid tillikwida t-telf ta' qligħ futur, il-Qrati għandhom latitudni aktar wiesgħa sabiex jistabbilixxu l-kumpens dovut. F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Micallef et *vs.* Richard Spiteri et**[11], il-Qorti stabbiliet illi:

> "Jingħad illi l-Qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinunzjaw għall-fakoltà diskrezzjonali tagħhom ... diversi drabi l-Qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati f'**Butler *vs.* Heard**."

F'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Francis Sultana vs John Micallef et noe**[12], il-Qorti qalet hekk:

> "Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja li ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċerta elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni.

[10] Dawn l-irċevuti li huma mmarkati Dok. AZ44-AZ54, jinsabu kollha *a fol.* 37 tal-proċess.
[11] Q.A., 15.01.2002.

[12] Q.A., 20.07.1994.

> Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà."

Iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern huma tali li minkejja li l-attur kien ilu pensjonant għal madwar tnax-il sena, hu kien għadu jgħix ħajja attiva, imur jimxi kuljum, kellu ħajja soċjali, jgħin lill-mara, u jgħin fit-trobbija tan-neputijiet billi jwassalhom fejn ikun hemm bżonn. Il-ġurisprudenza lokali evolviet b'tali mod li l-*lucrum cessans* jiġi likwidat anki f'dawk il-każijiet fejn ma jkunx hemm telf ta' qligħ, bħalma hu l-każ odjern, minn fejn jirriżulta li għalkemm l-attur ma sofra l-ebda tnaqqis fil-pensjoni tiegħu, iċ-ċirkostanzi tal-ħajja tiegħu wara l-inċident wassluh biex jinkorri spejjeż minħabba d-debilità permanenti li hu sofra konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, li effettivament ser iwasslu għal telf ta' qligħ futur minħabba fl-ispejjeż li ser ikollu jinkorri minn żmien għal żmien. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Galea et *vs.* Charles Fenech proprio et nomine et**[13], il-Qorti stabbiliet illi:

> "Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li l-kumpens għal diżabilità permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġata ma titlef xejn mill-introjtu tagħha."

Dan il-prinċipju kien diġà ġie rassodat anki f'sentenzi li ngħataw preċedentement, bħas-sentenza fl-ismijiet **Suzanne Davis et *vs.* Anthony Galea**[14], fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Il-maġġior parti tas-sentenzi tagħna invece jistrieħu biss fuq il-fatt ta' diżabilità mingħajr ma jsir eżami profond jekk dik id-diżabilità hijiex verament sejra tikkawża telf futur."

L-istess fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Caruana *vs.* Joseph Gafa**[15]:

[13] Q.A., 16.03.2004.
[14] P.A., 10.10.1997.

> "Fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwità jimponu teorija li tesiġi li kull tip ta' diżabilità permanenti twassal għat-telf futur fil-proporzjon tal-persentaġġ tagħha."

L-espert mediku maħtur mill-Qorti Mr Frederick Zammit Maempel ikkonstata li l-attur sofra minn debilità permanenti ta' 8%, u l-Qorti temmen li għandha tagħmel tagħha din il-konklużjoni dwar il-grad tad-debilità permanenti sofferta mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża. F'deċiżjoni pjuttost riċenti fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[16], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili għal dawn:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler *vs.* Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud *vs.* Carlo Camilleri et**, (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'**Butler *vs.* Heard**. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona *vs.* Asphar'**, Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi *vs.* Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana *vs.* John Micallef et noe et'**, Appell, 20.07.1994)."

---

[15] P.A., 29.05.1998.
[16] P.A., 25.02.2016.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Malcolm Cumbo *vs.* Malta Freeport Terminals Ltd**[17], il-Qorti stabbiliet illi:

> "Illi f'dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ."

Mill-provi jirriżulta li d-dħul tal-attur mill-pensjoni għas-sena 2016 kien ta' €6,338.76, filwaqt li d-dħul għas-sena 2017 kien ta' €6,395.09. Minkejja li l-attur ma ġabx konferma ta' kemm kien id-dħul tiegħu mill-pensjoni fis-sena 2015, is-sena li fiha seħħ l-inċident inkwistjoni, il-Qorti qiegħda tikkomputa d-dħul annwu tiegħu billi tnaqqas iż-żieda li kien hemm bejn l-2017 u l-2016 sabiex tasal għad-dħul tal-2015, u b'hekk qiegħda tistabbilixxi li d-dħul bażiku tal-attur fis-sena 2015 kien ta' €6,282.43. Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[18], ġie spjegat li hu:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-'*chances and changes of life*.'
>
> ...
>
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li

[17] P.A., 30.06.2016.
[18] Q.A., 05.03.1986.

> tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

Huwa veru li meta seħħ dan l-inċident, l-attur kien diġà ilu numru ta' snin pensjonant, madanakollu l-Qorti tħoss li għandha tikkunsidra l-fattur li llum huma diversi dawk il-persuni li minkejja li laħqu l-età tal-pensjoni, xorta waħda jfittxu li jżommu impjieg, u dan jagħmluh għal raġunijiet varji. Fis-snin riċenti, il-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu, u hemm qbil li għal persuni li qabżu l-età ta' sitta u ħamsin sena, il-*multiplier* għandu jkun ta' 5 jew anqas. Imma tenut kont tal-fatt li bħala medja l-Maltin u l-Għawdxin qegħdin jgħixu aktar u li bid-debilità permanenti li l-attur sofra b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, l-attur ser isofri telf ta' qligħ futur minħabba fl-ispejjeż li ser ikollu jinkorri għal tul ta' żmien, fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 7 huwa aktar xieraq għall-każ in eżami.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti f'komputazzjonijiet ta' din ix-xorta, dak li jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment* stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien fl-intavolar tal-kawża jew id-dewmien tal-proċeduri. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti tħoss li ma kienx hemm tali dewmien, u li għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis. F'sentenza mogħtija fl-ismijiet **Paul Xuereb noe *vs.* Emanuel Xuereb pro et noe**[19], il-Qorti qalet hekk:

> "Fir-rigward tar-riduzzjoni għal *lump sum payment* il-Qorti ... jidhrilha li ... ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal *lump sum payment* jekk ma jkunux għaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-preżentata

[19] P.A., 05.10.1995.

taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perijodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Agius *vs.* All Services Ltd**,[20] ingħad illi:

> "f'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa *(lump sum payment)* lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."

Illi tenut kont tal-fatt li l-inċident seħħ fl-2015 u l-kawża ġiet intavolata inqas minn sentejn wara l-inċident, il-Qorti tqis li m'għandux ikun hemm ebda tnaqqis minħabba dewmien.

Għalhekk is-somma li qiegħda tiġi likwidata bħala *lucrum cessans* hija: €6,282.43 x 7 *(multiplier)* = €43,977.22 x 8% (rata ta' diżabilità permanenti) = €3,518.18 - 20% (ħlas f'darba) = €2,814.54, li magħduda mad-danni attwali sofferti mill-attur, jammontaw għal **€6,074.04.**

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

2. **Tilqa' t-talbiet attriċi, u tiddikjara li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-inċident li seħħ fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju**

[20] P.A., 02.06.2005.

**tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fi Triq Ħal Qormi, Luqa, hawn fuq imsemmi u għad-danni konsegwenzjali kollha attwali u futuri li ġarrab l-attur bħala riżultat ta' dan l-inċident;**

3. **Tillikwida d-danni attriċi fis-somma ta' sitt elef, erbgħa u sebgħin Euro u erba' ċenteżmi (€6,074.04);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata bl-imgħax legali mil-lum.**

**Bl-ispejjeż kollha tal-kawża a karigu tal-konvenut.**

Moqrija.